*- LEGAT –*

*- OKKUPAZZJONI BLA TITOLU –*

*- ACTIO FINIUM REGUNDORUM –*

*- ARTIKOLI 325; 326 TAL-KAP 16 –*

*- SINJALI DWAR KONFINI U HAJT DIVIZZORJU –*

*- SPEJJEZ TAL-ISTESS HITAN DIVIZZORJI –*

*- DISPOSIZZJONI TESTAMENTARJA DIRETTA LILL-EREDI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 13**
**Citazzjoni Numru: 2506/97/RCP**

**Paul Camilleri u martu Benigna ghal kull interess li jista' jkollha.**

**vs**

**Joseph Camilleri.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fil-5 ta' April 1995 miet George Camilleri, hu l-kontendenti f'din il-kawza, b'testment maghmul u ppublikat min-Nutar Antione Agius, fit-18 ta' Lulju 1991, li in forza tieghu halla tieghu b'titolu ta' prelegat lill-attur Paul Camilleri l-garage b'giardina mieghu f'Hal Qormi, St. George's Street, numru tlieta u tlettin.

Illi dan il-fond il-garage jinsab okkupat mill-konvenut Joseph Camilleri minghajr ebda titolu validu fil-ligi u *di piu'* ma jridx jizgombra minnu anke jekk b'att pubbliku maghmul u moqri min-Nutar Antoine Agius tal-1 ta' Dicembru 1995, il-konvenut flimkien ma' l-eredi ohra ta' l-imsemmi George Camilleri, immetta lill-attur fil-pussess ta' l-imsemmi garage bil-giardina mieghu f'Hal Qormi fuq deskritt (Dok. "B").

Illi b'rizultat ta' l-okkupazzjoni tal-istess garage msemmi da parti tal-konvenut Joseph Camilleri, l-attur la jista' jaghmel uzu mill-istess garage u lanqas jghaddi ghall-imsemmija giardina u li tinsab tmiss mal-istess garage u li ghaliha l-unika access huwa proprju mill-garage imsemmi.

Illi peress li s-sigar u x-xtieli li jinsabu fil-giardina msemmija ghalhekk mhux qed jigu kkurati, fil-konsegwenza li l-istess gnien qed isofri danni rreparabbli.

Illi fl-istess gnien irid jitla' hajt sabiex tkun delineata u identifikata l-bitha li ghandha tkun tifforma parti mill-fond bin-numru erba' u tletin (34), f'St. George's Road, Qormi, u allura l-fond attigwu ghall-garage imsemmi, liema fond huwa proprjeta' tal-konvenut u dan skond kif indikat fil-pjanta annessa mat-testment Dok. "A".

Illi l-konvenut gja gie interpellat diversi drabi sabiex jivvaka l-fond garage imsemmi bin-numru 33 f'St. George's Street, Qormi u kif ukoll jaqsam l-ispejjez tal-hajt komuni li jrid jitla' kif fuq imsemmi, izda baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut qieghed jokkupa l-garage bin-numru tlieta u tletin (33) li jinsab f'St. George's Road, Qormi minghajr titolu validu fil-ligi.

(2) Tordna in linea ma' l-ewwel talba hawn maghmula, sabiex l-konvenut jizgombra u jivvaka mill-garage hawn fuq imsemmi, u dan fi zmien li ghandu jigi prefiss minn din l-istess Qorti ghal dan il-ghan.

(3) Tiddikjara illi l-agir tal-konvenut li jibqa' jikkupa l-fond msemmi minghajr ebda titolu validu fil-ligi qed jikkawza danni serji fil-giardina proprjeta' tal-attur stante li l-istess attur ma jistax jiehu hsieb l-istess giardina inkluzi s-sigar u x-xtieli li fiha, ghal liema danni huwa responsabbli biss l-konvenut.

(4) Tillikwida in linea mat-tielet talba hawn maghmula u okkorendo l-hatra ta' perit nominandi l-istess danni hekk sofferti.

(5) Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess danni hekk likwidati.

(6) Tiddikjara li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghal nofs l-ispejjez tal-hajt komuni li jrid jinbena bejn il-fond proprjeta' ta' l-attur u dak tal-konvenut, bin-numri tlieta u tletin (33) u erba' u tletin (34) rispettivament.

(7) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas sehmu, n'nofs, mill-istess spejjez involuti sabiex jinbena l-istess hajt komuni msemmi illi ghandu jifred l-fondi rispettivi tal-kontendenti kif mitlub fis-sitt talba hawn fuq maghmula.

Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu 1997, kontra l-konvenut ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 11 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 27 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Illi huwa qatt ma oppona li ssir id-divizzjoni li taqsam id-dar fi tnejn, cioe' id-dar proprja mill-gnien li ghandha maghha, basta li l-istess issir skond il-ligi.

(2) Illi l-esponenti ma ghandux jirrispondi ghall-komproprietarji ohra tad-dar li fil-konfront taghhom immisha saret il-kawza.

(3) Illi salv ghall-premess, l-ispiza ghal dik id-divizzjoni tad-dar ghandha tithallas mill-attur li qed jitlobha fl-interess tieghu bhala legatarju tal-gnien tad-dar.

Rat id-dikjarazzjoni a fol 27 tal-process;

Rat is-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia datati 2 ta' Marzu 1999 u 18 ta' Marzu 1999,

Rat is-seduti quddiem din il-Qorti inkluzi dawk tad-29 ta' Jannar 1999, tal-5 ta' Mejju 1999, 8 ta' Lulju 1999, 1 ta' Dicembru 1999, 18 ta' Jannar 2000, 16 ta' Marzu 2000, 31 ta' Mejju 2000, 12 ta' Lulju 2000, 7 ta' Dicembru 2000, 14 ta' Marzu 2001, 31 ta' Mejju 2001 fejn id-difensuri iddikjaraw li ma ghandhomx provi izjed u qabblu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza.

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2001.

Rat l-affidavits ta' Joseph Camilleri a fol. 46 u 62 tal-process u ta' Carmel Camilleri a fol. 73 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha prodotta quddiem din il-Qorti.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti dwar il-punt tal-allegata kontumacja tal-konvenut datata 16 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-konvenut tat-18 ta' April 2000 fejn permezz taghha prezenta l-affidavit ta' Carmel Camilleri (fol 61 sa 75).

Rat il-verbali tal-31 ta' Mejju 2000 u tat-12 ta' Lulju 2000.

Rat in-nota tal-konvenut tal-20 ta' Novembru 2000 (fol 84).

Rat il-verbali tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn xehdu Joseph Camilleri u Carmelo Camilleri; tal-14 ta' Marzu 2001 fejn xehed Paul Camilleri u d-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar; tal-31 ta' Mejju 2001 fejn id-difensuri trattaw il-kaz u qablu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. Kawza Attrici.

Illi din l-kawza qed issir mil-attur stante li qed jallega li huwa legatorju ta' garage b'gardina mieghu, numru 33, St. George's Street, Qormi, skond testment ta' George Camilleri datat 18 ta' Lulju 1991, li miet fil-5 ta' April 1991, u l-istess attur gie immess fil-pussess tal-istess fond permezz ta' att pubbliku datat 1 ta' Dicembru 1995 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius, izda li baqa' okkupat mill-konvenut bla ebda titolu validu fil-ligi u ghalhekk qed jitlob li prevja l-istess dikjarazzjoni il-konvenut jigi ordnat sabiex jizgombra mill-istess garage u gardina. Illi inoltre l-istess attur qed jezigi li jittella hajt divizzojru sabiex l-istess gardina tigi separata mill-bitha formanti parti mill-fond tal-konvenut numru 34, Triq St. George's, Qormi, u li l-ispejjez tal-istess hajt jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet fil-kawza, u apparti dan qed jitlob li jithallsu d-danni li jigu likwidati ghall-hsara li l-istess konvenut ikkawza fil-gardina indikata li l-istess konvenut qed jokkupa illegalment.

Illi min-naha tieghu l-istess konvenut ecceppixxa li huwa qatt ma oppona li ssir id-divizzjoni tal-istess garage u gardina mid-dar li sallum tifforma parti minnha, pero' tali kawza kellha ssir fil-konfront tal-proprjetarji kollha tal-istess dar, u fi kwalunkwe kaz l-ispiza ghall-istess ghandha tithallas mill-attur li qed jitlob l-istess divizzjoni fl-interess tieghu.

**B. PROVI PRODOTTI.**

Illi b'testment *'unica charta'* datat 26 ta' Novembru 1962 ppublikat min-Nutar John Spiteri Maempel a fol. 87 sa fol. 90 tal-process, hallew bhala prelegat bi piena proprjeta' lill-binhom Giorgio Camilleri *'il-gnien Hal Qormi u l-mutur li hemm fl-istess gnien u li ghandu id-dhul tieghu minn Saint George Street numru tlieta u tlettin (33) flimkien ma kamra tal-istess gnien u bl-istess dhul. It-testatturi jiddikjaraw li illum dan il-gnien u kamra huma annessi u komnikati mad-dar tal-abitazzjoni taghhom Hal Qormi, Triq San Gorg numru erbgha u tletin (34), u ghalhekk huma jridu u jordnaw li wara l-mewt ta' l-ahhar wiehed fosthom dan il-gnien u kamra ghandhom jigu segregati mill-istess dar, kif kienu qabel biex ikunu ghal kollox separati. Dan il-prelegat huwa konsegwibbli wara il-mewt ta' l-ahhar wiehed fost it-testaturi".* Wara l-istess testaturi hallew lil uliedhom Giuseppi u Giorgio fil-kaz li jibqghu guvintur sal-mewt ta' l-ahhar fosthom, l-uzufrutt kongiuntiv u successiv tad-dar Hal Qormi, St. George's Street, numru 34, apparti prelegat iehor dwar il-mobbli li ma huwiex mertu ta' din il-kawza, u bhala eredi istitwew lis-sitt (6) uliedhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li permezz ta' testment datat 18 ta' Lulju 1991 pubbblikat min-Nutar Antoine Agius esebit bhala Dok. "A" a fol. 5 tal-process, t-testatur halla lill-attur il-garge bil-gardina mieghu Hal Qormi f'St. George's Street, numru tlieta u tlettin (33), mentri lill-konvenut inghata bhala prelegat nofs indiviz mid-dar Hal Qormi St. George's

Street, bil-bitha u kamra maghha bl-effetti mobbli li jinsabu fiha.

Illi permezz ta' att pubbliku datat 1 ta' Dicembru 1995, ukoll ippubblikat min-Nutar Antoine Agius, u esebit bhala Dok. "B a fol. 9 tal-process, l-eredi tal-istess George Camilleri immettew fil-pussess tal-attur l-istess garage u gardina imhollija lilu bhala prelegat fl-imsemmi indikat testment tad-*decujus,* u l-istess ghamlu fil-konfront tal-konvenut in kwantu pero' jirrigwarda sesta parti (1/6) tal-fond 34, St. George's Street, Qormi, bil-mobbli ta' gjo fih, stante li l-eredi kollha iddikjaraw li nonostante dak li hemm fit-testment sehem tad-decujus mill-istess post kien proprju ta' sesta parti (1/6) u mhux (1/4) kif erronjament allura indikat fl-istess testment.

Illi **l-attur** sostna li nonostante li ghandu dan il-legat u minkejja li gie immiss fil-pussess mill-eredi l-ohra l-istess konvenut baqa' jokkupa l-istess garage u gnien bla ebda titolu validu fil-ligi u li ghalhekk qed jikkawza danni minhabba li l-istess konvenut ma hax kura sewwa tal-gnien.

Illi in kontro-ezami fl-14 ta' Marzu 2001 l-istess attur sostna li qabel kien hemm hajt bejn il-gnien u d-dar numru 34, St. George's Street, Qormi, li kien waqqghu missieru sabiex ikollu access komdu mill-istess dar ghall-gnien.

Illi min-naha l-ohra **l-konvenut** sostna li l-istess dar 34, St. George's Street, Qormi, kienet proprjeta' tal-genituri tieghu u hallewha lill-ahwa bhala eredi u lilu u lil huh George bhala uzufrutt, u baqghet ma saritx divizzjoni tal-istess dar bejn l-ahwa. Kien hemm proposti sabiex l-ahwa ibieghu l-fond 38, Triq San Gorg, Qormi lill-attur, mentri l-attur min-naha tieghu jittrasferixxi lill-konvenut l-istess gardina u garage, pero' ghal xi raguni li ma jafx biha l-konvenut, l-attur qatt ma ikkonkluda din it-transazzjoni nonostante diversi korrispondenza f'dan l-sens kif skond qal li jirrizulta mid-dokumenti Dok. "JC 2" sa Dok. "JC 8" annessi mal-affidavit tieghu tat-18 ta' April 2000, minn fol. 62 sa fol. 72 tal-process.

Illi l-konvenut in kontro-ezami fis-7 ta' Dicembru 2000 sostna li l-fondi numru 33, u 34 jinfdu permezz ta' bieb li hemm fil-bitha tal-fond 34. Sostna li l-istess gnien kien dejjem jaghmel parti mid-dar 34, St. George's Street, Qormi. Hajt bejn l-istess gnien u d-dar 34 qatt ma kien jiftakkru. Sostna li l-ittra esebita bhala Dok. "ISB" li intbghatet f'ismu lill-attur ma riedx lill-avukat tieghu li jibghata.

Illi ukoll permezz ta' affidavit ta' **Carmel Camilleri** datat 18 ta' April 2000 esebit bhala Dok. "CC" a fol. 73 tal-process, hu il-kontendenti sostna li dan il-fond 34, St. George's Street, Qormi kien proprjeta' tan-nannu tieghu, missier omm il-kontendenti, liema fond kien jinkludi l-istess gargage u gardina mieghu, u li kienet intirtet minn

ommhom, u liema dar kienet misset lill-ahwa kollha bhala eredi, u l-fond 34 thalla bhala uzufrutt favur il-konvenut u George Camilleri, u ghalhekk l-istess konvenut baqa' fl-istess dar bhala uzufruttwarju w ukoll ko-proprjetarju tal-istess dar. Il-genituri tal-istess kontendenti kienu hallew il-gardina u l-gnien lill-George Camilleri, li permezz ta' testment datat 12 ta' Lulju 1991, dan hallieh bhala prelegat lill-attur, u wara saret l-imissjoni fil-pussess tal-istess gnien u garage mill-eredi kollha a favur l-istess attur, stante li l-attur kien qalilhom li jekk ma jaghmlux dan jehlu multa. Kienu waslu ghat-transazzjoni fis-sens li lill-attur ibieghhulu il-fond 38, St. George's Street, Qormi, u l-attur min-naha tieghu ibiegh l-gardina u l-garage lill-konvenut, pero' ma sar ebda kuntratt definittiv ghaliex l-attur ma resaqx ghall-istess, u r-raguni ghaliex dan ma sarx l-istess xhud ma setghax jispjegaha.

Illi in kontro-ezami sostna li l-attur qallu li jekk jahlu iz-zmien jehlu multa, u li bejn il-gnien u d-dar ma kien hemm l-ebda hajt li jiddividihom.

## C. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

### (A) OKKUPAZZJONI TAL-GARDINA U GARAGE BLA TITOLU.

Illi dwar l-ewwel zewg talbiet attrici, jidher fl-ewwel lok li lanqas hemm eccezzjonijiet mill-konvenut dwar l-istess, ghaliex l-istesss konvenut fil-fatt sostna li huwa qatt ma

oppona li ssir divizjoni li taqsam id-dar fi tnejn, cioe' d-dar proprja mill-bqija tal-gnien, basta li din ssir skond il-ligi.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-istess garage u gnien gew imhollija mill-genituri tal-kontendenti b'testment taghhom tas-26 ta' Novembru 1962 u skond artikolu hamsa tal-istess lill-binhom Giorgio Camilleri, b'dan li l-istess gnien u kamra kellhom jigu segregati mill-bqija tad-dar.

Illi l-istess George Camilleri miet fil-5 ta' April 1995, u halla bhala prelegat l-istess immobbli fuq deskritta lill-attur permezz ta' testement tieghu datat 18 ta' Lulju 1991, u l-eredi tal-istess George Camilleri immettew fil-pussess tal-attur l-imsemmija mobbli u dan permezz ta' att pubbliku datat l-1 ta' Dicembru 1995.

Illi ghalhekk jidher car li l-istess garage u gardina jappartjenu lill-istess attur, u l-konvenut li qed jammetti li ghadu jokkupa l-istess ambjenti, ma ghandu l-ebda titolu fuq l-istess, iktar u iktar meta huwa ippartecipa fl-immissjoni fil-pussess favur l-attur imsemmija.

Illi huwa veru li l-istess konvenut ghandu dritt ta' uzufrutt fuq id-dar 34, St. George's Street, Qormi, u dan naxxenti mill-istess testment tal-genituri tieghu datat 26 ta' Novembru 1962, izda dan l-uzufrutt huwa bl-esklussjoni tal-istess gnien u gardina imsemmija fl-artikolu precedenti ghal dak li johloq l-uzufrutt favur il-konvenut, tant li l-istess gardina u garage kellhom jigu segregati fuq ordni tat-

testatarji mill-bqija tad-dar, illum okkupata mill-konvenut, mill-eredi tal-istess testaturi, fatt li jidher li baqa' ma sarx sallum; pero' dan in-nuqqas da parte tal-eredi tal-istess genituri tal-kontendenti ma jfissirx lanqas li l-konvenut ghandu dritt ulterjuri fuq l-istess gardina w il-garage u ghalhekk l-ewwel zewg talbiet attrici ghandhom jigu milqugha anke jekk jidhru limitati biss ghall-istess garage.

(B) TALBIET DWAR ID-DANNI.

Illi dwar it-tielet (3), raba' (4) u hames (5) talbiet attrici, li jirreferu ghall-allegati danni kommessi mill-konvenut fl-istess gardina, f'dan l-istadju tal-kawza, l-attur ma ressaq ebda provi kwalunkwe dwar l-istess, jista' jkun dovut ghall-fatt li l-istess gardina ma hijiex fil-pussess tieghu, u filwaqt li huwa car li l-istess konvenut bl-okkupazzjoni tieghu qed jimpedixxi lill-attur milli jiehu hsieb u jgawdi l-istess gardina u l-garage, ma giex ppruvat f'din il-kawza li l-istess konvenut attwalment ikkawza hsara fl-istess gardina, inkluz fis-sigar u xtieli li hemm fiha, almenu f'dan l-istadju u ghalhekk l-talbiet attrici fil-konfront ta' dan l-aspett qed jigu michuda minhabba nuqqas ta' provi, u dan bla pregudizzju ghal kull dritt li jista' jkollu l-attur kontra l-konvenut, specjalment meta l-istess gardina tigi fil-pussess tal-istess attur.

(C) <u>TALBIET GHAL BINI TAL-HAJT BEJN L-ISTESS GARDINA U L-FOND 34, ST. GEORGE'S STREET, QORMI.</u>

Illi din it-talba hija mibnija fuq il-premessa attrici li l-istess fond 34, St. George's Street, Qormi, huwa proprjeta' tal-konvenut, u ghalhekk l-istess citazzjoni attrici, anke rigward dawn it-talbiet sabiex il-konvenut jigi kostrett jikkontribwixxi nofs l-ispejjez tal-hajt divizzjorju li jrid jittella' sabiex jifred l-istess gardina u garage mill-bqija tal-fond numru 34, St. George's Street, Qormi, li tieghu l-konvenut huwa l-uzufruttwarju.

Illi pero' mill-provi prodotti, ghalkemm jirrizulta kif gja inghad li l-konvenut huwa l-uzufruttwarju tal-istess fond 34, Triq San Gorg, Qormi, bl-eskluzzjoni tal-istess gardina u garage, huwa ma huwiex il-proprjetarju tal-istess, ghaliex il-proprjetarji huma fil-fatt l-eredi tal-istess genituri tal-kontendenti, inkluz il-konvenut, fil-porzjoni ta' parti minn sitta (1/6) kull wiehed, apparti li l-istess konvenut ghandu wkoll is-sehem tad-decujus Giorgio Camilleri, stante l-prelegat kostitwit bit-testment tal-istess datat 18 ta' Lulju 1991, u li bl-immissjoni fil-pussess tal-1 ta' Dicembru 1995, l-eredi kollha inkluz il-konvenut accettaw li dan il-prelegat kien jirreferi proprju ghall parti ta' wiehed minn sitta (1/6) u mhux kif indikat fit-testment tat-18 ta' Lulju 1991.

Illi ghalhekk l-istess fond jappartjeni kwantu ghal wiehed minn sitta (1/6) lill-attur, terz (1/3) lill-konvenut (is-sehem tieghu u s-sehem ta' Giorgio Camilleri imholli lilu bhala

prelegat) u wiehed minn sitta (1/6) kull wiehed lill-eredi l-ohra tal-istess genituri tal-kontendenti, Carmelo, Espedito, u Giuseppa, jew l-eredi taghhom, skond it-tmien (8) artikolu tat-testment *unica charta* tas-26 ta' Novembru 1962.

Illi ghalhekk jidher car li l-istess konvenut ma huwiex l-proprjetarju uniku tal-istess fond 34, Triq San Gorg, Qormi, u ghalhekk *se mai* tali talbiet kellhom isiru fil-konfront tal-ko-proprjetarji l-ohra tal-istess fond.

Illi fi kwalunkwe kaz jidher li skond it-testment *unica charta* datat 26 ta' Novembru 1962 esebit a fol. 87 tal-process, jirrizulta li meta inghata l-prelegat tal-gardina u l-garage, gie impost fuq l-eredi l-obbligu li *"wara l-mewt ta' l-ahhar wiehed fosthom dan il-gnien u l-kamra ghandhom jigu segregati mill-istess dar, kif kienu qabel biex ikunu ghall-kollox separati"* u ghalhekk l-ispiza tal-istess hajt ghandha tigi maqsuma bejn l-eredi tal-istess genituri tal-kontendenti skond is-sehem li huma ghandhom.

Illi ghalhekk isegwi abbazi tal-premess, li t-talbiet attrici sabiex l-konvenut jigi kostrett jikkontribwixxi nofs l-ispejjez tal-hajt komuni li jrid jinbena bejn il-fond proprjeta' ta' l-attur u l-fond okkupat, u in parti proprjeta' tal-istess konvenut, ma tistax tintlaqa', ghar-ragunijiet fuq indikati, kemm ghaliex l-istess konvenut ma huwiex l-unika proprjetarju tal-fond numru 34, St. George's Street, Qormi, u kif ukoll ghaliex is-sehem tieghu ma huwiex konsegwentement ta' nofs, izda ta' terz (1/3) ghaliex huwa jippossedi bhala

proprjetarju biss terz (1/3) mill-istess fond, kif *di piu`* gie fuq spjegat.

Illi apparti dan ma huwiex car x'tip ta' azzjoni qed jittenta l-attur b'dawn l-ahhar zewg talbiet attrici stante li l-*actio finium regundorum* skond l-**artikolu 325** hija intiza sabiex taghti lil kull sid skond kif deciz fis-sentenza **"Francesca Debattista vs Antonio Grech"** (A.C. 23 ta' April 1951 – XXXV A. i. 91) *"id-dritt li jgieghel lill-gar jaghmel, bi spejjez komuni, sinjali li jidhru u jibqghu, biex juru l-limiti tal-fondi taghhom li jmissu ma xulxin. Din l-azzjoni hija impreskribbli; salv id-dritt ta' wahda mill-partijiet, f'kawza ta' regolamenti tal-konfini, li tinvoka l-pussess trentenali sabiex il-limiti jitpoggew fil-limiti estern ta' l-art uzukapita'".*

Illi minn dan u mid-diposizzjoni tal-**artikolu 326** li jipprovdi li *"kull sid jista' jaghlaq il-fond tieghu, bla hsara ta' kull servitu li ghaliha jkollu jedd haddiehor"* jirrizulta li dak li sid jista' jitlob huwa biss li jsiru 'sinjali' bi spejjez komuni u mhux li jittella' hajt divizzorju, u jekk jinsisti ghal dan, fin-normalita' tal-kazi, u salv kemm ftehim bejn il-partijiet li ghandhom proprjeta' kontigwa ghal xulxin, u kemm disposizzjonijiet testimentarji, l-istess bini tal-hajt divizzjorju jsir a spejjez tas-sid li jkollu interess, segwiti fl-gholi stabbiliti skond l-**artikolu 407** *et sequitur* u l-prezunzjonijiet dwar il-proprjeta' tal-istess hajt fl-istess subtitolu tal-Kodici Civili.

Illi dan iffisser li applikat ghall-kawza odjerna tali hajt fin-normalita' tal-kazi kellu jigu kostruit mill-attur, pero' la darba hemm id-disposizzjoni testamentarja tat-testment *unica charta* datat 26 ta' Novembru 1962 fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel, li fil-hames (5) artikolu tieghu t-testaturi ordnaw li tali gardina u kamra mertu tal-kawza odjerna kellhom jigu segregati mill-istess dar, wara l-mewt ta' l-ahhar wiehed fosthom, tali obbligu ta' segregazzjoni, kif kien qabel kellu jsir a spejjez tal-istess eredi tat-testaturi, u ghalhekk mhux kif rikjest fl-ahhar zewg talbiet attrici.

Illi ghalhekk anke dawn l-ahhar z-zewg talbiet attrici kif proposti ghandhom jigu michuda.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' biss it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u dan limitatament ghas-sitt (6) u seba' (7) talba attrici, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha, u filwaqt li **tichad it-tielet (3), ir-raba' (4), u l-hames (5) talbiet attrici** minhabba nuqqas ta' provi**, u s-sitt (6) u s-seba' (7) talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut qieghed jokkupa l-garage bin-numru tlieta u tletin (33) li jinsab f'St. George's Road, Qormi minghajr titolu validu fil-ligi.

(2) Tordna in linea ma' l-ewwel talba hawn maghmula, sabiex l-konvenut jizgombra u jivvaka mill-garage hawn fuq imsemmi, u dan fi zmien qasir u perentorju ta' tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Awissu 1997 u tal-ewwel zewg talbiet attrici a karigu tal-konvenut, fil-waqt li l-ispejjez tal-hames (5) talbiet l-ohra kollha attrici ghandhom jigu sopportati mill-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**4 ta' Ottubru, 2001**